MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 799/2001/1

***Lloyds Malta Limited*** **bħala rappreżentanti** ***ex lege*** **tal-membri ta'** ***Lloyds*** **miġbura fis-sindikati numri 1027, 2027, 1239, 1069, 1173, 947 u 991; u** ***Laferla Insurance Agency Limited*** **bħala mandatarji u aġenti ta' l-imsemmija sindikati;** ***Micallef Insurance Agency Limited*** **bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera** ***Independent Insurance Company Limited*****;** ***Atlas Insurance Agency Limited*** **bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera** ***AXA Insurance p.l.c.*****;** ***Allcare Insurance Agency Limited*** **bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta estera** ***Assicurazione Generale s.p.a.*****;** ***Citadel Insurance p.l.c.*****;** ***Elmo Insurance Services Limited*** **bħala aġenti u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera** ***Royal and Sun Alliance Insurance Group p.l.c.***

***Versus***

***HSBC Bank (Malta) P.l.c.***

Din hija kawża b'kontro-talba. Fil-kawża ewlenija, l-atturi, li huma soċjetajiet ta' assikurazzjoni li kienu ħarġu poloz ta' assikurazzjoni favur is-soċjetà konvenuta bi premju li kellu jitnaqqas jekk il-konvenuta tħares il-kondizzjoni illi ġġedded il-poloz kull sena għal ħames snin, talbu l-ħlas tad-differenza fil-premju għax qalu illi l-konvenuta tilfet il-benefiċċju tat-tnaqqis għax ma ħarsitx il-kondizzjoni. It-talbiet ta' l-atturi kienu miċħuda b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2005.

Fil-kawża mibdija b'rikonvenzjoni, il-konvenuta qiegħda titlob ħlas mingħand l-atturi assikuraturi tagħha għax ġarrbet telf meta seħħ riskju assikurat. Din is-sentenza tallum hija dwar ir-rikonvenzjoni.

Għall-għanijiet tar-rikonvenzjoni s-soċjetà konvenuta fissret illi l-atturi kienu ħarġu favur tagħha *machinery breakdown policy* b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 1996. Fis-6 ta' Ġunju 1999 kien hemm qtugħ ta' l-enerġija elettrika għall-inħawi ta' Ħal Qormi u, minħabba f'hekk, il-konvenuta qalbet għal fuq *generator* sabiex ikun jista' jkompli jaħdem l-*operations centre* tagħha f'Ħal Qormi. Waqt illi kien qiegħed jaħdem, il-*generator* saħan wisq u ma baqax jaħdem sew u saritlu ħafna ħsara, għalkemm il-konvenuta kienet ħadet ħsieb illi regolarment issirlu manutensjoni kif imiss minn nies tas-sengħa.

Għalkemm il-konvenuta għamlet talba taħt il-polza għar-risarċiment, din it-talba kienet miċħuda mill-atturi, bi ksur ta' l-irbit tagħhom taħt il-polza. Għalhekk il-konvenuta qiegħda b'rikonvenzjoni titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-ħsarat u d-danni li ġarrbet il-konvenuta biex jissewwa l-*generator* huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni;
2. tgħid illi l-atturi huma lkoll *in solidum* marbuta illi jħallsu t-talba magħmula lilhom mill-konvenuta taħt l-istess polza;
3. tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-konvenuta; u
4. tikkundanna lill-atturi *in solidum* iħallsu lill-konvenuta s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-ispejjeż.

Għall-kontro-talbiet tas-soċjetà konvenuta, l-atturi ressqu l-eċċezzjoni illi d-danni li qiegħda titlob ma ġarrbithomx għax seħħ xi riskju kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Fid-

dikjarazzjoni maħlufa l-atturi komplew fissru illi r-riskju ma hux kopert mill-polza għax il-ħsara seħħet minħabba *wear and tear* u nuqqas ta' manutenzjoni.

Il-ħsara li dwarha l-konvenuta qiegħda titlob kumpens taħt il-polza ġrat għax, meta nqata' d-dawl f'Ħal Qormi fejn il-konvenuta għandha l-*operations centre* tagħha, beda jitħaddem *generator* li iżda saħan wisq u ma baqax jaħdem sew. Ma huwiex kontestat mill-atturi illi l-*generator* kien kopert mill-polza, iżda mhux jekk il-ħsara ssir minħabba *wear and tear* u nuqqas ta' manutenzjoni. Għalhekk li rridu naraw għall-għanijiet tar-rikonvenzjoni huwa jekk il-ħsara tassew seħħitx kif qegħdin igħidu l-atturi, għax f'dak il-każ il-polza tgħid illi "*underwriters shall not be liable for … … … loss or damage as a direct consequence of the continual influence of operation (e.g. wear and tear … … …)*[1].

Mix-xhieda ħareġ illi l-ħsara x'aktarx seħħet għax ma ħadmux sew xi *thermostatic expansion valves*. Xogħol dawn il-*valves* huwa illi, meta l-makna tilħaq ċerta temperatura, jinfetħu biex igħaddi *coolant* li jerġa' jniżżel it-temperatura. Billi dawn il-*valves* ma ħadmux, it-temperatura baqgħet togħla sakemm il-makna ntfiet weħedha. Il-problema tas-sħana x'aktarx aggrava ruħu għax biż-żmien kienet trabbiet bħal qoxra ġewwa l-kanen tar-*radiator* li naqqsu l-volum ta' l-arja li tgħaddi minnu u, minħabba f'hekk, tellfulu l-effiċjenza fix-xogħol tiegħu li jberred il-makna. Ħareġ ukoll xi *coolant fluid* mill-pompa, għalkemm dan x'aktarx kien konsegwenza u mhux kawża tal-ħsara għax it-temperaturi ogħla ħolqu pressa żejda fil-pompa u din il-pressa wasslet għal-*leakage*.

Ir-rapport[2] ta' l-inġinier imqabbad mill-atturi jgħid illi l-bdil tat-*thermostatic valves* hija "*a routine maintenance operation*"[3] u illi "*the thermostatic valves and pump are typical items to be found on preventive maintenance procedures*". L-inġinier imqabbad mill-konvenuta, min-naħa l-oħra, xehed bil-ġurament illi l-bdil ta' dawn il-*valves* ma hijiex parti mill-proċedura ta' manutenzjoni meħtieġa

---

1 *Fol*. 248.

2 *Foll*. 89 *et seqq*.

3 *Fol*. 91.

minn żmien għal żmien[4]. Fil-fatt, fil-lista ta' proċeduri[5] li l-*manufacturer tal-makna* jirrakkomanda li jsiru minn żmin għal żmien ma hemmx il-bdil ta' dawn il-*valves*.

L-istess inġinier imqabbad mill-konvenuta qal ukoll illi *descaling* tar-*radiator*, it-tneħħija tal-qoxra li titrabba fil-kanen, ma hijiex parti mill-proċedura ta' manutenzjoni regolari[6]. Huwa minnu iżda illi waħda mill-*exclusions* taħt il-polza hija għal "*loss or damage as a direct consequence of the continual influence of operation (e.g. … … … boiler scale)*[7]; madankollu, ma nġibitx prova illi dan l-i*scale* kien il-kawża ewlenija u immedjata tal-ħsara. Il-kawża ewlenija u immedjata tal-ħsara x'aktarx kienet illi l-*valves* ma ħadmux sew, u għalhekk l-*exclusion* taħt il-polza ma tolqotx il-każ tallum.

Għar-raġunijiet miġjuba fuq, fil-fehma tal-qorti ma jistax jingħad illi l-ħsara seħħet minħabba nuqqas ta' manutenzjoni, jew għax ma nbidlux *parts* li ma baqgħux jaħdmu sew minħabba *wear and tear*.

Barra minn hekk, xehed ukoll Victor Friggieri, li jieħu ħsieb l-apparat mekkaniku u elettriku tas-soċjetà konvenuta, u dan xehed illi l-konvenuta kienet tqabbad lil min minn żmien għal żmien jagħmel il-proċeduri ta' manutenzjoni kif rakkomandati mill-*manufacturer*. Ir-rappreżentant tal-*manufacturer* ukoll ikkonferma dan[8].

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hija tal-fehma illi l-ħsara ma seħħitx minħabba xi nuqqas tal-konvenuta li tara li ssir manutenzjoni u li jinbidlu dawk il-*parts* li jitgħarrqu biż-żmien. L-eċċezzjoni ta' l-atturi illi l-ħsara ma tintlaqatx bil-polza t'assikurazzjoni hija għalhekk miċħuda.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż illi l-atturi huma marbuta illi jagħmlu tajjeb għalihom taħt il-polza.

Is-soċjetà konvenuta ħejjiet prospett[9] ta' dawn l-ispejjeż li, b'kollox, telgħu għal tnax-il elf, mitejn u tlieta u sittin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm12,263.53) u huma mqassmin hekk:

---

4 Ara x-xhieda ta' l-Ing. Martin Pizzuto fis-seduta tad-29 t'April 2003, *fol.* 180.

5 *Fol.* 104.

6 *Ibid. fol.* 176.

7 *Fol.* 248.

8 Ara x-xhieda ta' George Gatt fis-seduta tad-29 t'April 2003, *foll.* 196 *et seq.*

9 *Fol.* 201.

| | |
|---|---|
| 1. Kiri u ġarr ta’ *generator* għal 22 jum | Lm2,760.00 |
| 2. Kiri u ġarr ta’ l-istess *generator* għal jumejn oħra | Lm 345.00 |
| 3. Kiri u ġarr ta’ *generator* ieħor għal 25 jum | Lm2,823.25 |
| 4. Xogħol ta’ tiswija u *parts* | Lm1,574.80 |
| 5. Konsult ta’ l-inġinier | Lm 316.25 |
| 6. Konsult ieħor ta’ l-inġinier | Lm 178.25 |
| 7. Xogħol fl-elettriku biex tqiegħdu żewġ *generators* | Lm2,063.91 |
| 8. Xogħol mixellanju | Lm 281.18 |
| 9. Aktar xogħol mixellanju | Lm 731.69 |
| 10. Eżami ta’ *uninterruptable power supplies* | Lm 124.20 |
| 11. *Diesel fuel* biex il-*generator* tħaddem bi prova | Lm1,065.00 |
| B’kollox: | Lm 12,263.53 |

L-atturi qegħdin jikkontestaw l-ewwel tliet *items* u l-aħħar wieħed għax dawn iqisuhom bħala “telf konsegwenzjali”. Fil-fatt il-polza tgħid illi “*underwriters shall not be liable for consequential loss or liability of any kind or description, any payment over and above the indemnity for material damage … … …*”[10]. Dan ifisser illi l-polza tkopri l-ispejjeż kollha biex tissewwa l-ħsara, iżda mhux ukoll xi telf ieħor li jġarrab l-assikurat bħala konsegwenza tal-ħsara. Il-kiri ta’ *generators* oħra kien meħtieġ biex l-*operations centre* tal-konvenuta jista’ jkompli jaħdem waqt illi l-*generator* tagħha kien bil-ħsara, iżda ma kinex meħtieġ biex tissewwa l-ħsara.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, l-*items* numru 1-3, 7 u 10 huma spejjeż li ma humiex koperti bil-polza.

L-ispejjeż għax-xogħol ta’ tiswija, *parts*, u drittijiet ta’ l-inġinier huma spejjeż meħtieġa biex saru t-tiswijiet. Il-ħatra ta’ inġinier kienet meħtieġa biex jassikura li x-xogħol sar sew, u għalhekk id-drittijiet tiegħu kienu spejjeż meħtieġa biex tissewwa l-ħsara. Ukoll id-*diesel fuel* biex jitħaddem il-*generator* bi prova kien meħtieġ, għax il-prova li x-xogħlijiet saru sew hija parti mix-xogħlijiet ta’ tiswija. Il-qorti kienet tilqa’ t-talba għal dawn l-ispejjeż li kieku saret il-prova illi kienu kollha meħtieġa għal dak il-għan, iżda dik il-prova ma saritx, u ma hemm xejn x’juri illi d-

10 *Fol*. 249.

*diesel fuel* ma nħaraqx waqt it-tħaddim normali tal-*generator*.

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-qorti sejra tilqa' t-talba għall-ispejjeż taħt l-*items* 4, 5 u 6, iżda mhux taħt l-*item* 11.

Fadal it-talba taħt l-*items* 8 u 9.

*Items* 8 u 9 huma għal xogħol li għamel ċertu George Grech. Ġew esebiti r-riċevuti relativi, u murija x-xogħlijiet speċifiċi li għalihom qiegħed jintalab ħlas. Għar-raġuni mogħtija fuq dwar telf konsegwenzjali, l-ispejjeż għax-xogħlijiet fuq il-*generators* li nġiebu sakemm issewwa dak tal-konvenuta ma jistgħux jintalbu taħt il-polza. Billi l-ħlas qiegħed jintalab għal xogħlijiet bħal dawk, it-talba ma tistax tintlaqa'.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, l-ispejjeż koperti bil-polza huma dawk taħt l-*items* 4-6, b'kollox elfejn u disgħa u sittin lira u tletin ċenteżmu (Lm2,069.30).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' r-rikonvenzjoni billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-atturi, u tgħid illi l-ispejjeż li ġarrbet is-soċjetà konvenuta biex issewwew il-ħsarat fil-*generator* huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni u għalhekk l-atturi għandhom jagħmlu tajjeb għal dawk l-ispejjeż, tillikwida l-ispejjeż fis-somma ta' elfejn u disgħa u sittin lira u tletin ċenteżmu (Lm2,069.30) u tikkundanna lill-atturi, kull wieħed u waħda skond is-sehem stipulat fil-polza kif muri fuq l-*endorsement* tat-13 ta' Frar 1996[11], iħallsu lill-konvenuta s-somma hekk likwidata.

Billi t-talba magħmula mill-konvenuta kienet wisq, huwa xieraq illi din teħel parti mill-ispejjeż tar-rikonvenzjoni, u dawn l-ispejjeż għalhekk għandhom jinqasmu hekk: tliet partijiet minn erbgħa (¾) jħallsuhom l-atturi u parti minn erbgħa (¼) tħallasha s-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[11] *Foll.* 244 *et seq.*